PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0100/2011**

29.3.2011

*

# RAPPORT

dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (test kodifikat)
(COM(2010)0641 – C7-0403/2010 – 2007/0206(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Sajjad Karim

(Kodifikazzjoni – Artikolu 86 tar-Regoli ta' Proċedura)



*Magħquda fid-diversità*

PR_CNS_Codification

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI.........6

PROĊEDURA ........................................................................................................................8

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta emendata għal direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat (test kodifikat)**
**(COM(2010)0641 – C7-0403/2010 – 2007/0206(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali - kunsultazzjoni - kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0587),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-19 ta’ Frar 2008[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0403/2010),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 – metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[2],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0100/2011),

A. billi, skont il-Grupp ta’ Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta inkwestjoni fiha evidentement kodifikazzjoni tat-testi eżistenti mingħajr ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 184E, 6.8.2009, p. 119.
[2] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

## ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 3 ta' Jannar 2011

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar on the structure and rates of excise duty applied to manufactured tobacco (test kodifikat)**
**COM(2010)0641 of 9.11.2010 – 2007/0206(CNS)**

Wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għal kodifikazzjoni uffiċjali ta' testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari għal punt 4, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li jikkonsisti fis-servizzi legali rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, iltaqa' fit-23 ta' Novembru 2010 għall-iskop ta' eżaminar tal-proposta msemmija qabel imressqa mill-Kummissjoni.

Fil-laqgħa[1], analiżi tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill li tikkodifika d-Direttiva tal-Kunsill 92/79/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq is-sigaretti, id-Direttiva tal-Kunsill 92/80/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tat-taxxi fuq it-tabakk fabbrikat li mhux sigaretti u d-Direttiva tal-Kunsill 95/59/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar dwar taxxi li mhumiex taxxi fuq il-qliegħ li jaffettwaw il-konsum ta' tabakk manifatturat wasslet biex il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv jikkonkludi, mingħajr dissensi, li l-proposta hija evidentement kodifikazzjoni tat-testi eżistenti, mingħajr ebda bidla fis-sustanza.

| | | |
|---|---|---|
| C. PENNERA | J.-C. PIRIS | L. ROMERO REQUENA |
| Ġuriskonsult | Ġuriskonsult | Direttur Ġenerali |

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu fid-dispożizzjoni tiegħu 22 verżjoni fil-lingwi tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni bl-Ingliż, peress li din hija l-galvu tal-lingwa tat-test diskuss.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat |
| **Referenzi** | COM(2010)0641 – C7-0403/2010 – COM(2007)0587 – C6-0392/2007 – 2007/0206(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 24.10.2007 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>13.12.2010 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Sajjad Karim<br>13.12.2010 |
| **Data tal-adozzjoni** | 22.3.2011 |
| **Data tat-tressiq** | 29.3.2011 |